22006D0039

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 39/2006

ta' l-10 ta' Marzu 2006

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-ŻEE Nru 43/2005 tal-11 ta' Marzu 2005[1]

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE ta' l-20 ta' Dicembru 2000 li tistabbilixxi Programm li għandu x'jaqsam mal-istrateġija qafas tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005)[2] iddaħħlet fil-Protokoll 31 għall-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 88/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001[3].

(3) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża biex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm li għandu x'jaqsam mal-istrateġija qafas tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa[4].

(4) Għalhekk il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża sseħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2006.

(5) L-inklużjoni tad-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE fil-Protokoll 31 għall-Ftehim hija relevanti biss fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

---

1 ĠU L 198, 28.7.2005, p. 45.
2 ĠU L 17, 19.1.2001, p. 22.
3 ĠU L 238, 6.9.2001, p. 43.
4 ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9.

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiddaħħal fir-rabà inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE) tal-Artikolu 5(8) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim:

", kif emendat bi:

- **32005 D 1554** Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm li għandu x'jaqsam mal-istrateġija qafas tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2006.

* L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsim taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2006.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

R. WRIGHT